MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 33/2012/1

**Geoffrey Galea**
**v.**
**L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħditlu talba biex tgħid illi jkun hemm ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6(1) u 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] jekk isir użu

minn stqarrija li hu kien għamel bla ma qabel tħalla jieħu parir ta’ avukat.

2. L-attur fisser illi kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali akkużat bi traffikar u pussess ta’ droga. Waqt is-smigħ tal-kawża il-prosekuzzjoni esebiet stqarrija illi l-attur kien għamel fl-1 ta’ Lulju 2003 meta ma tħalliex jikkomunika mal-avukat tiegħu billi l-qafas legali malti dak iż-żmien ma kienx jagħti dak il-jedd. Dan, igħid l-attur, sar bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) u 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni. Għalhekk talab illi l-qorti, wara li tgħid illi nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, tordna illi l-istqarrija titneħħa mill-atti tal-proċess u tagħti wkoll dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa biex jitħarsu l-jeddijiet fondamentali tiegħu.

3. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur. Dwar l-ilment taħt l-art, 39 tal-Kostituzzjoni l-ewwel qorti qalet hekk:

“Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, … l-akkużat baqa’ ma fisser fl-ebda waqt matul is-smigħ tal-kawża liema waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huwa jgħid li nkiser jew hemm il-biża’ li jinkiser fir-rigward tiegħu minħabba li ta l-istqarrijiet lill-Pulizija bla ma kien mgħejjun minn avukat. Kif ingħad ukoll, lanqas ressaq xi sottomissjoni f’dan ir-rigward meta saret it-trattazzjoni tal-għeluq tal-kawża;

“Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta’ smigħ xieraq fil-qafas ta’ proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama’ minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta’ dak il-proċediment, tista’ tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta’ ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja;

“Illi minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu għar-referenza jirrigwardaw ġrajja li seħħew qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, l-

ilment tiegħu jaqa’ lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-istess jingħad dwar il-fatt li l-proċediment issa jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Krminali: f’dan il-każ, jidher li l-istħarriġ dwar jekk l-istqarrija tal-akkużat tiksirx il-jedd tiegħu taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew jekk il-qorti li quddiemha qed jinstama’ l-każ hijiex sejra toqgħod fuq dik l-istqarrija biex issib dwar il-ħtija jew le tiegħu huwa wieħed qabel waqtu;
“Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li l-akkużat seħħlu juri li ġarrab ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.”
4. Dwar l-ilment taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni l-ewwel qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:
“… l-applikabilita’ tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa’ minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta’ lment ta’ ksur ta’ jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel ma l-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x’aktarx ikun serjament kompromess b’xi nuqqas ta’ tħaris fi stadju bikri ta’ xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta’ dak l-artikolu;
“Illi llum il-ġurnata jidher li ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b’xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali. Jidher li din it-tifsira ħarġet mill-fatt li ladarba l-ħarsien tal-jedd ta’ smigħ xieraq fejn jidħol it-tul taż-żmien ta’ kawża taħt l-artikolu 6(1) jgħodd f’kull stadju tal-proċediment, ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tgħodd ukoll għal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suġġetta għall-proċediment kriminali għandha jedd tgawdi taħt is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat imqar waqt il-fażi tal-interrogazzjoni huwa b’rispett għad-dritt li l-ebda persuna ma għandha titħalla jew tkun imġiegħla tinkrimina lilha nnifisha;
“Illi maż-żmien, it-tħaddim mogħti lil dan is-sub-artikolu fejn jidħol il-jedd ta’ assitenza ta’ avukat ukoll fil-waqt li l-

persuna tkun għadha miżmuma mqar b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat, u qabel ma jkunu nħarġu kontra tagħha akkużi speċifiċi, twessa' biex jinkludi l-waqt fejn dik il-persuna tkun intalbet u tkun tat stqarrija lill-Pulizija u dan biex jingħata ħarsien "prattiku u effettiv" lill-imsemmi jedd. Dan il-jedd tal-preżenza ta' avukat sa minn dak il-waqt bikri tal-"proċediment" ma jistax jiċċaħħad jekk mhux għal "raġunijiet tajbin" …"

5. Imbagħad, wara li iċċitat siltiet minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali *in re* Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali[1] u *in re* Repubblika ta' Malta *v.* Alfred Camilleri[2], kompliet tgħid hekk:

"Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat Avukat Ġenerali jressaq bosta argumenti kontra l-argument li [*sc*. ressaq] l-akkużat. Fost dawn isemmi li l-akkużat għamel l-istqarrijiet minn rajh u li ma kienx imġiegħel jagħmilhom u lanqas wera li kien mhedded b'xi mod. Qal li ntwera li l-akkużat kien ingħata t-twissija li ma kienx marbut li jwieġeb jew li jitkellem u dan jidher li kien fehmu sewwa. Żied jgħid ukoll li l-akkużat ma kienx persuna taħt l-età meta ta l-istqarrija u li għandu ċertu livell ta' maturità li tabilfors kellu effett fuq l-għażla tiegħu li jagħti l-istqarrija li ta lill-Pulizija. Minbarra dan, żied jgħid li l-għamil tal-istqarrija ma hix ser iġġib "*irretrievable prejudice*" lill-akkużat. Fuq kollox, l-istqarrija ma kenitx il-prova waħdanija li l-prosekuzzjoni ressqet fil-każ tal-akkużat u li, fiż-żmien li ngħatat l-istqarrija, ma kien hemm l-ebda liġi fis-seħħ li tipprovdi għall-jedd ta' persuna arrestata li tkun mgħejjuna minn avukat. Temm jgħid li r-regola fil-każ ta' Salduz ma kellhiex titħaddem b'lura għal żmien qabel ma ngħatat is-sentenza;

"Illi, min-naħa tiegħu, l-akkużat jorbot l-argumenti kollha tiegħu fuq iċ-ċirkostanza li ma kienx mgħejjun minn avukat qabel u waqt li ta l-istqarrija u li jisħaq li dan il-fatt waħdu kien iġib il-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq billi l-istqarrija issa ddaħħlet bħala prova fil-kawża miexja kontrieh. Għalhekk, jitlob ir-rimedju tat-tneħħija tal-istess stqarrija mill-atti proċesswali;

1 Q. Kost. 8 ta' Ottubru 2012.

2 Q. Kost. 12 ta' Novembru 2012.

"Illi l-qorti ħasbet sewwa fuq il-każ u fliet l-atti tal-kawża u ssib li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li saru aktar qabel, l-akkużat ma wrihiex li tassew ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Hija tal-fehma wkoll li lanqas hemm il-biża' tal-ksur tal-istess jedd bit-tħollija tal-istqarrija tiegħu fl-atti proċesswali;
"Illi l-qorti waslet għal din il-fehma minħabba li, fl-ewwel lok, iċ-ċirkostanzi kollha li fihom l-akkużat ta l-istqarrija tiegħu ma juru bl-ebda mod li dan sar kontra r-rieda tiegħu jew minħabba xi theddida jew wegħda li saritlu. Fit-tieni lok, fl-ebda waqt qabel ma l-Qorti tal-Maġistrati iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-prosekuzzjoni (jiġifieri f'Mejju tal-2012) ma d-difiża qanqlet il-kwestjoni tas-siwi tal-imsemmija stqarrija jew l-ammissibilità tagħha bħala prova. Kemm hu hekk, fil-verbal tas-smigħ tal-14 ta' Diċembru 2010, id-difiża saħansitra eżentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' b'xhud lill-ex-kuntistabbli li kien preżenti meta l-akkużat ta l-istqarrija. Minbarra dan, l-akkużat kien sa minn meta nbdew kontrieh il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (jiġifieri minn April tal-2009, u wara li kienet ingħatat is-sentenza mill-Qorti ta' Strasbourg fil-każ ta' Salduz) dejjem mgħejjun minn avukat. Fit-tielet lok, ir-riferenza waħdanija li qatt saret mill-akkużat jew mid-difiża tiegħu għal xi allegat ksur ta' jedd fundamentali waqt l-imsemmija proċeduri kienet għat-tul ta' żmien li l-każ tiegħu kien qed jieħu biex jinqata', liema lment l-istess Qorti tal-Maġistrati ipprovdiet dwaru bid-degriet tagħha tas-7 ta' Mejju, 2012. Fir-raba' lok, ma ntwera bl-ebda mod li l-akkużat talab li jkun jista' jkellem avukat u li din it-talba kienet miċħuda. Huwa ressaq ix-xhieda tiegħu *b'affidavit* u fl-ebda waqt ma qal li kien talab li jkellem avukat u li tali talba ma ntlaqgħetx. Fil-ħames lok, din il-qorti hija tal-fehma li ċ-ċirkostanzi li fihom intgħamlet l-istqarrija f'Lulju tal-2003 kienu hekk li tali stqarrija kienet imħarsa mill-garanziji l-oħrajn kollha mistennija fil-Konvenzjoni għall-ħarsien tal-jeddijiet ta' kull persuna li tkun miżmuma minn awtorità kompetenti u interrogata waqt li tkun taħt suspett ta' twettiq ta' reat;
"Illi, għalhekk, il-qorti sejra ssib li l-ilment tal-akkużat lanqas ma ntwera mistħoqq taħt id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u t-talba tiegħu ma tistax tintlaqa'."

6. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tal-20 ta' Diċembru 2012. Hu ressaq żewġ aggravji:

7. illi l-ewwel qorti tat interpretazzjoni "dejqa" tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni meta qalet illi dan l-artikolu ma jolqotx proċeduri quddiem qorti inkwirenti jew quddiem qorti istruttorja; u

8. illi, għalkemm jaqbel "id-dritt għall-avukat mill-fażijiet bikrin tal-proċess investigattiv mhux wieħed assolut", illi "l-qorti trid tara l-kuntest tas-sitwazzjoni u l-għaliex dik il-persuna li kienet qiegħda investigata ma tħallietx tikkonsulta ma' avukat" u illi "fejn ikun hemm raġuni tajba, i-istess dritt jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet", madankollu, "il-qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni jekk il-limitazzjoni tad-dritt għall-avukat odjern kienx siewi *o meno* għaliex il-qorti ma għandhiex parametri sabiex tistabbillixxi tali deċiżjoni. Ma kienx hemm liġi, ma kienx hemm restrizzjonijiet, ma kienx hemm ghażla".

9. Dwar l-ewwel aggravju din il-qorti taqbel mal-attur appellant illi l-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti safejn qalet illi l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ma jolqotx proċeduri quddiem Magistrat inkwirenti jew qorti istruttorja ma hijiex interpretazzjoni għal kollox tajba.

10. L-art. 46 tal-Kostituzzjoni jagħti rimedju lil kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni mhux biss "tkun ġiet" jew "tkun qed tiġi" iżda wkoll "tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha". Jista' jiġri illi xi nuqqas fil-fażi inkwirenti jew istruttorja tal-proċeduri jikkomprometti l-pożizzjoni ta' dak li jkun fil-proċess eventwali kontra tiegħu b'mod li ma jiġix rimedjat waqt il-fażijiet suċċessivi tal-proċeduri u għalhekk il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq jinkiser. Dan ma jfissirx illi biex tara hemmx ksur ma tridx tqis il-proċeduri kollha sa tmiemhom, għax ma hux eskluż illi nuqqas f'fażi tal-proċedimenti jiġi rimedjat f'fażi suċċessiva. Madankollu, jekk in-nuqqas ma jiġix rimedjat, il-fatt illi jkun seħħ fil-fażi inkwirenti jew istruttorja ma jeskludix l-applikazzjoni tal-art. 39 meta tqis l-*iter* sħiħ tal-proċedimenti.

11. Naturalment, dan ma jfissirx illi kien hemm ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni; ifisser biss illi ma kellux jiġi eskluż *a priori* illi l-art. 39 jista' jolqot il-każ. Min-naħa l-oħra, qalet sew l-ewwel qorti meta qalet illi l-ilment tal-

attur huwa "qabel waqtu" ladarba għandu jitqies fid-dawl ta' dak kollu li jseħħ matul l-*iter* kollu tal-proċedimenti, sakemm ma jintweriex illi n-nuqqas huwa hekk gravi u jippreġudika l-pożizzjoni tal-attur hekk illi jwassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq jekk ma jiġix rimedjat minnufih, ukoll qabel it-tmiem tal-proċeduri, b'mod illi l-attur ikun jista' jgħid illi, jekk ir-rimedju ma jingħatax f'dan l-istadju, id-dispożizzjoni tal-liġi "tkun x'aktarx ser tiġi miksura".

12. Il-qorti għalhekk taqbel illi l-ilment tal-attur għandu jitqies ukoll fid-dawl tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni. Naturalment, b'hekk ma hijiex qiegħda tgħid illi kien hemm ksur, jew li x'aktarx sejjer ikun hemm ksur, ta' dak l-artikolu.

13. Fit-tieni aggravju tiegħu l-attur qiegħed igħid illi huwa minnu illi hemm ċirkostanzi fejn il-jedd għall-għajnuna ta' avukat ma huwiex assolut u jista' jiġi soġġett għal restrizzjonijiet. Ikompli jgħid iżda illi l-fatt illi, fiż-żmien relevanti, ma kienx hemm leġislazzjoni fis-seħħ li tirregola dawn ir-restrizzjonijiet, b'mod illi l-jedd kien effettivament ineżistenti u mhux biss soġġett għal restrizzjonijiet, huwa bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

14. Huwa minnu illi hemm ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, mhux tal-*Grand Chamber*, li tidher li tagħti raġun lill-attur.[3]

15. Din il-ġurisprudenza iżda tiehu pożizzjoni aktar radikali minn dik li esprimiet l-istess qorti ewropeja fil-każ ta' Salduz *v.* it-Turkija[4], fejn il-*Grand Chamber* ma adottatx l-opinjoni separata tal-Imħallef Bratza meta ried illi "*the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention*", u qalet, minflok, illi:

"Article 6 – especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial *if and so far as the fairness*

---

[3] Q.E.D.B. Dayanan v. it-Turkija 13 ta' Ottubru 2009 (rikors numru 7377/03).

[4] Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008, rikors 36391/02.

*of the trial is likely to be seriously prejudiced* by an initial failure to comply with its provisions.[5]"

16. Hija wkoll pożizzjoni ferm aktar radikali minn dik li ħadet l-istess qorti fil-każ aktar qadim ta' Imbrioscia *v.* l-Isvizzera[6], meta qalet illi:

»36 … Other requirements of Article 6 – especially of paragraph 3 – may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them.

»38 … the Court points out that the manner in which Article 6 paras. 1 and 3 (c) (art. 6-1, art. 6-3-c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case; in order to determine whether the aim of Article 6 (art. 6) - a fair trial - has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case «

17. Din il-pożizzjoni hija aktar razzjonali, konsistenti u loġika, għax il-jedd mogħti mill-art. 6 huwa l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd għall-għajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed stqarrija. Nuqqas illi ma jwassal għal ebda preġudizzju effettiv ma għandux jitqies li huwa bi ksur ta' jedd fondamentali. Wara kollox, f'dan bħal f'kull qasam ieħor tal-liġi l-għan ewlieni hu li tinkixef il-verità, u li ma jiġrix illi, minħabba l-użu ta' pratiċi abużivi, tittieħed stqarrija li ma jkollhiex mis-sewwa: ma huwiex, u ma għandux ikun il-għan tal-liġi illi persuna taħrab il-konsegwenzi ta' għemilha minħabba xi nuqqas mingħajr ma jintwera illi dan in-nuqqas kellu konsegwenzi pratiċi. Fil-fehma ta' din il-qorti jkun kontro-sens li tgħid illi jkun hemm ksur ta' jedd – u saħansitra ta' jedd fondamentali – meta ma jkun hemm ebda preġudizzju, għaliex dan wassal għal evalwazzjoni fl-astratt minflok għal apprezzament tas-sitwazzjoni fil-konkret. Interpretazzjoni bħal din tkun biss trivjalizzazzjoni u svalutazzjoni tan-natura "fondamentali" ta' dawn il-jeddijiet.

18. Din il-qorti dejjem fehmet illi stqarrija meħuda mingħajr il-garanziji ta' leġittimità twassal għall-ksur tal-

---

5 Para. 50 (enfasi miżjud).

6 Q.E.D.B. 24 ta' Novembru 1993, (rikors numru 13972/88).

jedd għal smigħ xieraq, mhux għax l-interrogat ma kellux għajnuna ta’ avukat iżda fejn in-nuqqas ta’ assistenza ta’ avukat tkun ppreġudikat fil-konkret lill-individwu fil-proċess kontra tiegħu. Jekk issa jingħad illi n-nuqqas ta’ jedd għall-għajnuna ta’ avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dan ikun żvilupp ġurisprudenzjali ekwiparabbli mal-ħolqien ta’ jedd ġdid favur il-persuna investigata li ma jinvalidax dak li seħħ validament qabel, meta l-pożizzjoni kienet regolata bl-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta’ Imbrioscia *v.* l-Isvizzera[7].

19. L-istqarrija tal-attur ittieħdet fl-1 ta’ Lulju 2003, meta l-materja kienet regolata bil-kriterji razzjonali mfissra fis-sentenza fuq imsemmija ta’ Imbrioscia, u ma tintlaqatx bi kriterji ġodda li jista’ jkun illi ġew introdotti sussegwentement (minn organu ġudizzjarju, mhux leġislativ).

20. Billi għalhekk in-nuqqas ta’ jedd għall-għajnuna ta’ avukat qabel jew waqt l-istqarrija ma jwassalx, għalhekk biss u *ipso facto*, għal ksur tal-jedd tal-attur, fadal illi naraw, fil-meritu, jekk dak in-nuqqas ħoloqx preġudizzju hekk illi jwassal, jew x’aktarx iwassal, għal ksur. Il-fatt illi, kif sewwa igħid l-attur, fiż-żmien relevanti ma kienx hemm liġi pożitiva li tirregola l-jedd ta’ għajnuna ta’ avukat u ċ-ċirkostanzi fejn dak il-jedd jista’ ma jingħatax ma jżommx lil din il-qorti milli tara jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, in-nuqqas ta’ għajnuna ta’ avukat kienx ta’ preġudizzju għalih, għax il-kunċetti u l-istituti tal-liġijiet fondamentali għandhom tifsira “awtonoma” li ma hijiex limitata b’dak li tgħid jew ma tgħidx il-liġi oridinarja.

21. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-attur ma weriex li tassew ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq la taħt l-art. 39 tal-Kostutuzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fil-każ tallum Geoffrey Galea ma allegax illi ġie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex għamel l-istqarrija jew kien ibati minn xi vulnerabilità partikolari xort’oħra meta għamel dik l-istqarrija. Il-preżenza ta’ avukat hija garanzija li ma jsirux abbużi bħal dawn, iżda l-attur ma allegax li dan seħħ fil-każ tiegħu. Anzi, tant ma ħassx ruħu preġudikat illi, għalkemm l-

[7] Ara Pulizija *v.* Patrick Spiteri, Q. Kost. 25 ta’ Jannar 2013.

istqarrija għamilha fl-1 ta' Lulju 2003, stenna sal-11 ta' Mejju 2012 biex jilmenta bi ksur ta' drittijiet u jiftaħ il-kawża tallum, preżumibilment għax issa sar jaf bl-iżviluppi ġurisprudenzjali fuq imsemmija u ħaseb li seta' jinqeda b'mezz ġdid ta' difiża. Fil-fatt, iżda, lanqas fil-kawża tallum ma hu qiegħed jilmenta illi l-istqarrija ttieħdet b'abbuż: qiegħed jilmenta biss min-nuqqas li ma kellux għajnuna ta' avukat, jew, aħjar, li ma kellux jedd għall-għajnuna ta' avukat.

22. Fil-każ ta' Salduz kien biss ftit jiem wara li Salduz għamel l-istqarrija illi lmenta illi tteħditlu b'abbuż, u dak l-ilment kien għalhekk ferm aktar kredibbli minn dak ta' min għal snin sħaħ ma jagħmel imqar l-iċken aċċenn illi l-istqarrija tteħditlu b'abbuż. Meta, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2011 quddiem il-maġistrat, għamel ilment dwar drittijiet fondamentali, l-ilment kien minħabba dewmien fil-proċeduri u mhux dwar l-istqarrija. Il-fatt illi ma sarux tempestivament allegazjonijiet ta' abbuż, lanqas quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, juri illi, minkejja n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, ma kien hemm xejn illeċitu jew abużiv fit-teħid tal-istqarrija tant illi lanqas l-attur stess ma ħass li kien ġarrab xi preġudizzju. Għalhekk huwa nieqes dak l-element ta' vulnerabilità biex, bħal fil-każ ta' Salduz u każijiet oħra bħalu, jinstab illi hemm ksur ta' drittijiet fondamentali.

23. Barra minn hekk, l-attur stess jistqarr illi ma huwiex dan il-punt tal-ilment tiegħu: skont hu il-punt hu illi b'liġi ma kellux jedd għall-għajnuna ta' avukat; iżda għar-raġunijiet mogħtija fuq, dan in-nuqqas fil-każ tallum ma wassalx għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

24. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi t-teħid tal-istqarrija, għalkemm mingħajr l-għajnuna ta' avukat, ma wassal għal ebda ksur tal-jeddijiet tal-attur imħarsa taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

25. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta' dan l-appell, iħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------